MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta' Ġunju, 2017

Rikors Numru 1159/2016LM

Wara l-Ittra Uffiċjali datata 13 ta' Ottubru, 2015 bin-numru 3447/2015 fl-ismijiet:

**Automated Revenue Management Services Limited (C 46054)**

***vs.***

**Uddin Halim (K.I. 40078A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn **Uddin Halim** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), fil-21 ta' Diċembru, 2016, li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-esponent qed jippreżenta dan ir-rikors ai fini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 wara li ġie notifikat bl-ittra uffiċjali f'Diċembru 2016.*[1]

2. *Illi hu qed jirrespinġi fil-fatt u fid-dritt il-pretensjonijiet kollha mressqa mis-soċjetà attriċi fil-konfront tiegħu permezz tal-ittra tagħha stante li l-ammont mhux dovut minnu, kif ukoll huwa eżaġerat.*

3. *Illi l-esponent kien ħa l-kera u tmexxija tal-ħanut li jinsab fil-proprjetà relatata mal-kont inkwistjoni, ossia 'Trocadero', Triq Ħal Qormi (Torretta), Santa Venera għall-perjodu bejn Awwissu 2007 sa Frar 2008, meta l-ħanut ġie mgħoddi f'idejn terzi ossia Alfaran Company Limited u sar ukoll it-trasferiment tal-kont fuq l-istess kumpannija terzi permezz tal-formola appożita li tipprovdi l-ARMS u għaldaqstant hemm lok tal-kjamat in kawża.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent ilu nieqes minn Malta minn Ottubru 2008 u rritorna lura biss f'Novembru ta' din is-sena u għaldaqstant ma kienx possibbli għalih illi jkun responsabbli għal dan il-konsum kif ukoll jikkontesta l-ammont reklamat bi kwalunkwe mod.*

5. *Illi s-soċjetà attriċi naqset milli tara illi ma jkunx hemm kontijiet eżaġerati pendenti mingħajr ma għamlet il-verifika neċessarja ta' min effettivament huwa responsabbli mill-operat tal-fond u għaldaqstant responsabbli mill-konsum attwali meta saru notifiki neċessarji lill-entitajiet konċernati dwar it-tibdil tar-registered consumer.*

6. *Illi s-soċjetà intimata ma speċifikatx għal-liema perjodu qed jiġi indikat il-konsum imsemmi.*

7. *Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi.*

Rat in-nota ippreżentata fil-11 ta' Jannar, 2017 mill-avukat Rosemarie Farrugia[2] fejn irrinunzjat għall-patroċinju tar-rikorrent.

[1] L-ittra uffiċjali tinsab esebita *a fol.* 3 u traduzzjoni tagħha bl-Ingliż *a fol.* 5, flimkien mal-annessa dikjarazzjoni ġuramentata *a fol.* 4 u traduzzjoni bl-Ingliż *a fol.* 6.
[2] *A fol.* 8.

Rat ir-Risposta ta' **Automated Revenue Management Services Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intimata") li ġiet ippreżentata fit-25 ta' Jannar, 2017, fejn ġie eċepit:

1. *Illi preliminarjament, ir-rikors imressaq mir-rikorrent Uddin Halim datat il-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016) huwa null stante li ma jikkontjenix talba u dan bi ksur ta' dak li jitlob l-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant is-soċjetà esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma li l-ittra uffiċjali bin-numru 3447/2015 intavolata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija reża eżekuttiva kontra r-rikorrent Uddin Halim;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà Automated Revenue Management Services Ltd intavolat l-ittra ġudizzjarja bin-numru 3447/2015 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kontra r-rikorrent, liema ittra qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. ARMS1[3];*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai termini tal-imsemmija ittra uffiċjali annessa u mmarkata bħala Dok. ARMS1, is-soċjetà esponenti hija kreditriċi tar-rikorrent Uddin Halim kif spjegat fl-imsemmija ittra uffiċjali f'ammont rappreżentanti f'konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meters tal-ilma u elettriku u spejjeż amministrattivi relatati mal-kont tas-servizzi bin-numri 101000078829 u dan salv ammonti oħra dovuti;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa r-rikorrent Uddin Halim li huwa rreġistrat fuq il-kont inkwistjoni u jibqa' għalhekk responsabbli għal tali kont sakemm ma tiġi intavolata applikazzjoni sabiex il-kont jinqeleb fuq isem ħaddieħor;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pretensjonijiet kollha miġjuba mir-rikorrent Uddin Halim huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;*

6. *In vista tas-suespost, u b'riżerva għal kull prova oħra kif ikun meħtieġ li ġġib is-soċjetà esponenti fil-mori ta' dawn il-proċeduri, is-soċjetà esponenti hija tal-umli fehma li din l-Onorabbli Qorti għandha twarrab dak kontenut fir-rikors imressaq mir-rikorrent Uddin Halim, bħala wieħed mingħajr ebda bażi u li huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara li l-ittra numru 3447/2015 intavolata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12, hija reża eżekuttiva kontra r-rikorrent.*

[3] *A fol.* 15 tal-proċess bid-dikjarazzjoni annessa *a fol.* 18 tal-proċess. *A fol.* 17 tal-proċess tirriżulta n-notifika pożittiva tar-rikorrent fit-28 ta' Novembru, 2016.

*Bl-ispejjeż u b'riżerva għall-imgħax dovut skont il-liġi.*

Rat ir-rikors ippreżentat mis-soċjetà intimata fit-2 ta' Frar, 2017[4] fejn talbet li tiġi awtorizzata tippreżentata risposta ulterjuri sabiex tkun tista' tressaq eċċezzjoni ulterjuri tan-nullità tar-rikors promotur stante li dan kien ippreżentat *fuori termine,* liema rikors ġie debitament notifikat lir-rikorrent fit-23 ta' Frar 2017[5] imma r-rikorrent naqas li jippreżenta risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2017 fejn il-Qorti aworizzat lis-soċjetà intimata tressaq risposta ulterjuri bin-notifika lir-rikorrent.

Rat ir-Risposta ulterjuri tas-soċjetà intimata ippreżentata fl-20 ta' Marzu, 2017, fejn eċċepiet ulterjorment is-segwenti:

*Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet ġia mogħtija mis-soċjetà esponenti, l-azzjoni tar-rikorrent Uddin Halim hija fuori termine u dan għaliex ir-rikorrent ma intavolax dawn il-proċeduri entro ż-żmien ta' għoxrin (20) jum minn notifika tad-dikjarazzjoni ġuramentata annessa mal-ittra uffiċjali kif preskritt lid-debitur skont l-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent ġie notifikat bid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa mal-ittra uffiċjali bin-numru 3447/2015 fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) filwaqt li dawn il-proċeduri ġew preżentati fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016).*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

[4] *A fol.* 19 sa 21 tal-proċess bid-dokumentazzjoni annessa *a fol.* 22 sa 27 tal-proċess.
[5] Ara riferta posittiva tal-attur *a fol.* 43 *retro* tal-proċess.

Rat ir-riferta pożittiva tan-notifika lir-rikorrent tar-Risposta ulterjuri tas-soċjetà intimata fit-28 ta' Marzu, 2017.[6]

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat id-dokumenti u provi li ġew esebiti u partikolarment il-kopja legali tal-ittra uffiċjali numru 3447/15 *ai termini* l-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *a fol.* 49 sa 54 tal-proċess, inkluż it-traduzzjoni bl-Ingliż, kif ukoll ir-riferta pożittiva tal-ittra uffiċjali lir-rikorrent fit-28 ta' Novembru, 2016.[7]

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2017, fejn ir-rikorrent baqa' ma deherx u ma deher ħadd biex jassistih u fejn l-avukata difensur tas-soċjetà intimata ittrattat l-eċċezzjoni preliminari ulterjuri tagħha u ċjoè dik tan-nullità tar-rikors promotur peress li dan ġie ppreżentata *fuori termine*, liema trattazzjoni ġiet reġistrata bil-mezz elettroniku.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Mejju, 2017 fejn ir-rikors tħalla għad-deċiżjoni għal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjetà intimata **Automated Revenue Management Services Limited** *ai termini* tal-proċedura skont l-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u

[6] *A fol.* 46 *retro* tal-proċess.
[7] *A fol.* 49 sa 54 tal-proċess.

Proċedura Ċivili, kienet bagħtet ittra uffiċjali lir-rikorrent datata 13 ta' Ottubru, 2015 biex tirrendi eżekuttiv il-ħlas dovut lilha fis-somma ta' €33,897.87 bħala bilanċ ta' konsum ta' dawl u ilma, kera tal-*meters* tad-dawl u ilma, spejjeż amministrattivi, *connection* u *disconnection fees,* flimkien ma' mgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi fir-rigward tal-kont tas-servizzi utili bin-numru 101000078829 tal-istabbiliment Trocadero, Triq Ħal-Qormi (Torretta), Santa Venera.

L-artikolu 466 tal-Kap. 12 jipprovdi:

> "(1) Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, piżijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:
>
> **Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' *meters* relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-*metering*, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-*meter*.**
>
> (2) **Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet ġudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-**

> **debitur, fi żmien għoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata.**[8]
>
> (3) Ir-rikors preżentat skont is-subartikolu (2) għandu jiġi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum. Il-qorti tgħaddi biex tappunta dak ir-rikors għas-smigħ f'jum li jiġi wara li jgħaddi dak iż-żmien.
>
> (4) F'każijiet ta' xorta urġenti l-qorti tista', wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull żmien perentorju bħalma huwa provdut f'dan l-artikolu bil-mezz ta' digriet li jiġi notifikat lill-parti l-oħra."

Illi s-soċjetà rikorrenti qiegħda teċċepixxi preliminarjament li r-rikors promotur ġie ppreżentat *fuori termine* minħabba li ma ġiex intavolat fi żmien għoxrin jum skont kif hu pprovdut fl-artikolu 466(2) tal-Kap. 12. Għaldaqstant is-soċjetà intimata qiegħda titlob lill-Qorti illi l-ittra uffiċjali numru 3447/2015 intavolata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12, tiġi dikjarata reża eżekuttiva kontra r-rikorrent.

Mill-provi prodotti, senjatament il-kopja legali tal-ittra uffiċjali numru 3447/2015 bid-dikjarazzjoni, jirriżulta illi din ġiet notifikata lir-rikorrent fit-**28 ta' Novembru, 2016**[9], filwaqt li mill-atti jirriżulta li r-rikors promotur imressaq mir-rikorrent ai termini tal-istess artikolu 466 tal-Kap. 12, ġie ippreżentat fil-**21 ta' Diċembru, 2016.**[10] Għaldaqstant m'hemmx dubju li r-rikors promotur ma ġiex ippreżentat entro ż-żmien ta' għoxrin jum previst mil-liġi biex ir-rikorrent seta' jikkontesta l-ittra uffiċjali. F'dan il-każ iż-żmien mogħti mil-liġi ta' għoxrin jum kellu jagħlaq fit-18 ta' Diċembru, 2016 li inzerta kien il-jum tal-Ħadd u għalhekk l-għoxrin jum għalqu l-għada t-Tnejn 19 ta' Diċembru, 2016, li kienet

---

[8] Enfażi ta' din il-Qorti.

[9] Ara *fol.* 50 *retro*.

[10] Ara *fol.* 1 tal-proċess.

l-aħħar ġurnata meta seta' jiġi pprezentat ir-rikors biex issir il-kontestazzjoni fl-ambitu tal-artikolu 466 tal-Kap. 12.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u f'liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-Qorti jew quddiem it-Tribunali, huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħu bl-ebda mod jiġu injorati, u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula.[11]

Kif ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Mirjana Kovecevic *vs.* Myoka Management Ltd**[12]:

> *"Unlike prescription, for the filing of action under substantive civil law, as a rule time-barred procedures are not open to any extension, suspension or interruption, save in the exceptional circumstances envisaged by procedural law (Articles 108 and 109 of Chapter 12). Besides public order, such is motivated by reason of certainty and uniformity."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Salina Wharf Marketing Limited *vs.* Malta Tourism Authority**[13] intqal ukoll:

> "In-natura inderogabbli tat-termini proċesswali ġġib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistgħux jiġu applikati provvediment sanatorji jew ta' rimessjoni ankorke d-dekors inutli tagħhom ma jkunu imputabbli lill-

[11] **Earthcare Company Limited *vs.* Kunsill Lokali Valletta**, Appell Inferjuri, 07.11.2008.

[12] Appelli Inferjuri (PS), 12.02.2010. Ara wkoll **A.F. Ellis (Homes Decor) Ltd vs. Direttur Generali, Dipartiment tal-Kuntratti**, Appell Inferjuri, 23.01.2009.

[13] Appell Inferjuri, 12.12.2007.

parti interessata. Dan għal motiv illi dik l-improrogabilità hi hekk neċessarja għal raġuni ta' ċertezza u, ukoll, ta' uniformità".

Fis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Anthony Mario Vella *vs.* Automated Revenue Management Services Limited**[14] intqal:

"Ir-rikorrent isostni li d-dewmien ma kienx imputabbli għal xi fatt jew tort tiegħu. Iżda din il-ġustifikazzjoni mhix biżżejjed biex tirribatti l-eċċezzjoni tas-soċjetà intimata. It-termini perentorji huma imposti mil-liġi bħala salvagwardja għad-drittijiet kemm ta' dawk li favur tagħhom hu konness id-dritt tal-azzjoni u fil-konfront ta' terzi li ma għandhomx jibqgħu fi stat inċert tad-dritt. L-artikolu 105 tal-Kapitolu 12 infatti jistabbilixxi illi kull żmien legali jew ġudizzjali jgħaddi wkoll kontra l-persuni li favur tagħhom il-benefiċċju taż-żmien ikun ingħata.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti ma tistax tikkondividi t-teżi tal-abbli difensur tar-rikorrent li stedinha tqis it-terminu bħala wieħed ta' kontumaċja fejn ikun permissibbli għar-rikorrent odjern li jiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jaġixxi tempestivament.

F'dan il-każ it-terminu impost mill-liġi hu wieħed perentorju ("*shall have the same effect as a final judgment of the competent court unless the debtor shall within the period of twenty days*....") (enfasi tal-Qorti) u sar bl-iskop preċiż li jkun hemm ċertezza tad-drittijiet tal-partijiet fil-limiti mogħtija mil-liġi. In-nuqqas ta' azzjoni f'dak it-terminu wassal għal sitwazzjoni inevitabbli u irriversibbli ta' rinunzja għall-aċċess lejn il-Qorti fuq il-vertenza in mertu. Kwindi l-att ġudizzjarju ppreżentat barra miż-żmien iwassal għal irritwalità tiegħu u per konsegwenza n-nullità tiegħu bħala mezz ta' azzjoni fil-konfront tas-soċjetà intimata."[15]

[14] 16.12.2014.
[15] Ara wkoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet *vs.* Manmark II Holdings Limited,** 22.04.2015 u **Tabib Prinċipali tal-Gvern *vs.* Sea Malta Company Limited**, 21.01.2002.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors kif ġej:**

**(1) Tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà intimata li r-rikors odjern ġie ppreżentat *fuori termine*;**

**(2) Għalhekk tiddikjara l-azzjoni odjerna bħala irritwali u nulla;**

**(3) Tiddikjara li l-ittra uffiċjali numru 3447/2015 intavolata ai termini tal-artikolu 466 tal-Kapitolu 12, ġiet reża eżekuttiva kontra r-rikorrent.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrent Uddin Halim.**

Moqrija.